# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 17 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 29.
Citazz. Nru. 1608/00 JRM

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**1. J.A. Cassar Limited, u**

**2. George u Nathalie mizzewgin Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 12 ta' Novembru, 1991 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler u dak datat 26 t'Ottubru 1994 (Dok "B"), in atti Nutar Dottor Carmel Mangion, is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuta socjeta' J. A. Casssar Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' J.A. Cassar Limited fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm25,137.29) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' J.A. Cassar Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C50") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 12 ta' Novembru, 1991 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler u dak datat 26 t'Ottubru 1994 (Dok "B"), in atti Nutar Dottor Carmel Mangion, u f'sitt skritturi privati datati 17 ta' Lulju, 1991 (Dok "D"), 29 t'April, 1993 (Dok "E"), 8 ta' Gunju, 1992 (Dok "F"), 21 ta' Novembru, 1991 (Dok "G"), 12 ta' Gunju, 1995 (Dok "H") u 6 ta' Frar, 1995 (Dok "I"), il-konvenuti George u Nathalie mizzewgin Cassar iggarantew flimkien u "in solidum" ma' J.A. Cassar Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess J.A. Cassar Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Ili l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 10 ta' Dicembru, 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "J"u Dok "K" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil J.A. Cassar Limited u lil George u Nathalie mizzewgin Cassar jhallsu flimkien u in soldium bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm25,137.29) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' J.A. Cassar Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C50")

flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Din il-kawza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra ntavolati kontra l-istess konvenuti mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra minnhom dovuti, li ghalihom is-socjeta' attrici qed tipprocedi f'istanzi separati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 10 ta' Dicembru, 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lil J.A. Cassar Limited u lil George u Nathalie mizzewgin Cassar jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm25,137.29) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' J.A. Cassar Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C50") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 10 ta' Dicembru, 1999 u tal Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

*17 ta' Mejju, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Mejju, 2001.**